**It-Tnejn**

**It-II ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Kristu Alla, xemx ta' ruħna,
bid-dawl tiegħek, kbir u qawwi,
tkeċċi minna l-lejl tal-ħtija,
u tferraħna b'jum il-grazzja.

2.
Int tassew id-dawl tad-dinja,
mhux il-kewkba ta' filgħodu,
li, bid-dija fietla tagħha,
tħabbar sbiħ il-jum lill-bniedem;

3.
Iżd'int aqwa mix-xmux kollha,
dawl u jum oħrajn m'hemmx ħliefek,
int li d-dija tiegħek tinfed
sa ġol-qiegħ ta' ruħ il-ħlejjaq.

4.
Dawl tal-glorja ta' Missierek,
ejja fina, bik imliena,
għax, mingħajr il-grazzja tiegħek,
dlam u biża' jaħkmu fuqna.

5.
Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**
Ant. 1 Meta niġi u nara wiċċ Alla?
L-Għid: Alla tiegħi, ruħi mxennqa għalik bħal għażżiela għan-nixxigħat ta' l-ilma, hallelujah.

**Salm 41 (42)**

Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat ta' l-ilma,*
hekk tixxennaq ruħi għalik, Alla tiegħi.
Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj; *
meta niġi u nara wiċċ Alla?

Id-dmugħ lejl u nhar kien l-ikel tiegħi, *
meta l-jum kollu kienu jgħiduli:
“Fejn hu Alla tiegħek?”
Dan niftakar, u nħoss qalbi tinħall ġewwa fija, *
kif kont nimxi sat-tabernaklu tas-sebħ,
sad-dar ta’ Alla,
fost l-għajat ta’ ferħ u ta’ radd il-ħajr, *
qalb folla ferħana.

Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, *
u titħawwad ġewwa fija?
Ittama f’Alla għax jien nibqa’ nfaħħru; *
hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

Tintelaq ruħi ġo fija; †
għalhekk fik niftakar *
minn art il-Ġordan u mill-Ħermon
u mill-muntanja ta’ Misgħar.
Minn irdum għal irdum jidwu *
il-ħsejjes qawwija ta’ l-ilmijiet tiegħek;
il-ħalel u l-imwieġ kollha tiegħek *
għaddew minn fuqi. –

Lejl u nhar il-Mulej jurini l-ħniena tiegħu; *
jien ngħanni u nitlob lil Alla l-ħaj.
Ngħid lil Alla, il-blata tiegħi: “Għaliex tlaqtni? *
Għax għandi ngħix imdejjaq
taħt it-tgħakkis ta’ l-għadu?”
Kull meta jgħajruni l-għedewwa tiegħi, †
qishom qed ikissruli għadmi; *
meta jgħiduli l-ħin kollu: “Fejn hu Alla tiegħek?”

Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, *
u titħawwad ġewwa fija?
Ittama f’Alla, għax jien nibqa’ nfaħħru; *
hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

Ant. Meta niġi u nara wiċċ Alla?
Ant. 2 Alla tal-ħlejjaq kollha, ħares lejna u ħenn għalina.
L-Għid: Imla ‘l Sijon bit-tifħir tiegħek, Mulej, biex jixxandru għeġubijietek, hallelujah.

**Kantiku (Sir 36,1-5.10-13)**

Ħenn għalina, Mulej, Alla tal-ħlejjaq kollha, †
u ħares lejna; *
xerred il-biża’ tiegħek fuq il-ġnus kollha.
Erfa’ idek kontra l-ġnus barranin, *
ħalli jaraw il-qawwa tiegħek.

Uri lilna l-kobor tiegħek fihom, *
bħalma wrejt lilhom qdusitek fina.
Hekk huma jagħrfu, kif għarafna aħna, *
li ma hemmx, Mulej, Alla ieħor ħliefek.
Erġa’ agħmel il-mirakli u tenni għeġubijietek; *
sebbaħ lil idek u d-driegħ tal-lemin tiegħek.

Iġbor it-tribù kollha ta’ Ġakobb; *
roddilhom il-wirt li kellhom qabel.
Ħenn, Mulej, għall-poplu li jġib ismek, *
għal Iżrael, li int tqisu b’ibnek il-kbir.
Ikollok ħniena mill-belt qaddisa tiegħek, *
Ġerusalemm, il-post tal-mistrieħ tiegħek.

Imla ‘l Sijon bit-tifħir tiegħek, *
u s-santwarju tiegħek b’sebħek.

Ant. Alla tal-ħlejjaq kollha, ħares lejna u ħenn għalina.
Ant. 3 Imbierek int, Mulej, fil-wisa’ kollu tas-sema.
L-Għid: Is-sebħ ta’ Alla jdawwal il-belt, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf, hallelujah.

**Salm 18 (19) A**

Is-smewwiet ixandru l-glorja ta’ Alla, *
għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.
Jum lill-ieħor jagħti l-aħbar, *
lejl lill-ieħor iwassal it-tagħrif.

Ma hemmx aħbar u anqas kliem, *
ma hemmx leħen li ma jinstemax.
Ma’ l-art kollha jasal leħinhom, *
mad-dinja kollha jinxtered kliemhom.

Lix-xemx għamlilha għarix fihom; †
u hi, bħal għarus ħiereġ minn kamartu, *
ferħana bħal ġgant għall-ġirja tagħha,
minn tarf is-smewwiet hi toħroġ, †
sat-truf l-oħra d-dawran tagħha; *
xejn ma jinħeba mis-sħana tagħha.

Ant. Imbierek int, Mulej, fil-wisa’ kollu tas-sema.

**LEZZJONI QASIRA Ġer 15,16**

Jien sibt kliemek u kiltu; u kelmtek saritli l-ferħ u l-hena ta’ qalbi; għax jiena msemmi għalik, Mulej, Alla ta’ l-eżerċti.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Għannu, ġusti, bil-ferħ lill-Mulej; * Jixirqilhom ifaħħruh in-nies sewwa.

Għannu.
V. Għannulu għanja ġdida. * Jixirqilhom ifaħħruh in-nies sewwa.
Glorja. Għannu.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Imbierek il-Mulej, għax ġie jżurna u ħelisna.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Imbierek il-Mulej, għax ġie jżurna u ħelisna.

## PREĊI

Is-Salvatur tagħna għamilna saltna u qassisin, biex noffru sagrifiċċju li jogħġob lil Alla. Ngħidulu b'radd ta' ħajr:
*Mulej, żommna fis-servizz tiegħek.*
Kristu, inti l-Qassis ta' dejjem, li tajt saċerdozju qaddis lill-poplu tiegħek:
- agħmel li noffru bla heda sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu lil Alla.
Fil-ħniena tiegħek, imliena bil-frott ta' l-Ispirtu s-Santu:
- agħtina s-sabar, it-tjieba u l-ħlewwa ma' kulħadd.
Agħmel li nħobbuk, biex ikollna lilek, li inti mħabba:

- għinna ngħixu sewwa, hekk li ħajjitna tkun ta' tifħir għalik.
Agħmel li nfittxu dak li hu ta' ġid għal ħutna:
- għallimna nħaffulhom it-triq tas-salvazzjoni.

**Missierna**

**Talba**

Mulej, Alla li tista' kollox, int wassaltna f'dan il-bidu ta' jum ieħor; salvana llum bil-qawwa tiegħek, biex matul din il-ġurnata ma nersqu lejn ebda dnub, iżda nfittxu li bi kliemna, bi ħsibijietna u għemilna, nagħmlu dejjem dak li hu ġust quddiemek. B'Ibnek.

**GĦELUQ**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**